

LIVSFS 2023:3

Ippubblikati
fl-24 ta' Mejju 2023

Ir-Regolamenti tal-Aġenzija Żvediża tal-Ikel dwar is-supplimenti tal-ikel;

adottati fit-12 ta' Mejju 2023.

Bis-saħħa tat-Taqsimiet 5-7 tal-Ordinanza dwar l-Ikel (2006:813), l-Aġenzija Żvediża tal-Ikel tistabbilixxi¹ dan li ġej.

Kamp ta' applikazzjoni

Taqsima 1 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal oġġetti tal-ikel imqiegħda fis-suq bħala supplimenti tal-ikel.

Termini u definizzjonijiet

Taqsima 2 “Supplimenti tal-ikel” tfisser oġġetti tal-ikel li

1. huma maħsuba biex jissupplimentaw id-dieta normali;
2. huma sorsi kkonċentrati ta' nutrijenti jew sustanzi oħra b'effett nutrittiv jew fiżjoloġiku, waħedhom jew f'taħlita; u
3. jiġu fornuti f'forma ta' doża, jiġifieri forom bħal kapsuli, pastilji, pilloli, pirmsli u forom simili oħra, qratas ta' trab, ampulli ta' likwidi,

1 Ara d-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/418. Ara wkoll id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

fliexken għat-tqassim ta' qtar u preparazzjonijiet simili oħrajn ta' likwidi jew trabijiet iddisinjati biex jittieħdu f'ammonti żgħar imkejla.

“Nutrijenti” tfisser vitamini u minerali.

Imballaġġ u tikkettar

Taqsim 3 Supplimenti tal-ikel jistgħu jitwasslu lill-konsumatur aħħari biss f'forma ppakkjata minn qabel.

Taqsim 4 L-isem tal-ikel għall-prodotti koperti minn dawn ir-regolamenti għandu jkun “supplimentat tal-ikel”.

Taqsim 5 Id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-informazzjoni dwar l-ikel jinsabu fi:

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, u

2. Ir-Regolamenti tal-Aġenzija Żvediża tal-Ikel (LIVSFS 2014:4) dwar l-informazzjoni dwar l-ikel.

Taqsim 6 Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsim 5, l-imballaġġ li fih is-supplimenti tal-ikel għandu jkun ittikkettat b'dan li ġej:

1. l-ismijiet tal-kategoriji ta' nutrijenti jew sustanzi oħra li jikkaratterizzaw il-prodott, jew in-natura ta' daww in-nutrijenti jew sustanzi oħra;

2. id-doża rakkomandata ta' kuljum tal-prodott;

3. li d-doża rakkomandata ta' kuljum ma tridx tinqabeż;

4. li s-supplimenti tal-ikel ma għandhomx jintużaw bħala sostitut għal dieta varjata; u

5. li s-supplimenti tal-ikel għandhom jinħażnu fejn ma jintlaħqux mit-tfal żgħar.

Taqsim 7 It-tikkettar u l-preżentazzjoni tas-supplimenti tal-ikel ma jistgħu jinkludu l-ebda indikazzjoni jew implikazzjoni li dieta bilanċjata u varjata ma tistax tipprovdi kwantitajiet xierqa ta' nutrijenti b'mod ġenerali.

Taqsim 8 L-ammonti ta' nutrijenti u sustanzi oħra b'effett nutrittiv jew fiżjoloġiku preżenti fil-prodott għandhom jiġu ddikjarati fuq it-tikketta f'forma numerika. L-ammonti indikati għandhom ikunu relatati mal-kontenut fid-doża rakkomandata ta' kuljum tal-prodott.

L-ammonti indikati għandhom ikunu medja bbażata fuq l-analiżi tal-prodott mill-manifattur u għandhom jiġu espressi fl-unitajiet għall-vitami u l-minerali stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel.

Taqsim 9 L-ammonti ta' vitamini u minerali għandhom jiġu espressi bħala perċentwal tal-valuri ta' referenza stabbiliti fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Il-perċentwal imsemmi fl-ewwel paragrafu jista' jiġi espress ukoll f'forma grafika.

Vitami u minerali

Taqsim 10 Il-vitami u l-minerali elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biss jistgħu jintużaw fil-manifattura tas-supplimenti tal-ikel.

Taqsim 11 Huma biss dawk il-komposti ta' vitamini jew minerali elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' supplimenti tal-ikel.

Tali vitamini jew komposti minerali għandhom, fejn xieraq, jissodisfaw il-kriterji ta' purità li

1. il-Kummissjoni adottat f'konformità mad-Direttiva 2002/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; jew

2. huma stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni u huma applikabbli għall-manifattura ta' oġġetti tal-ikel għal finijiet għajr is-supplimenti tal-ikel.

Fin-nuqqas ta' kriterji ta' purità stabbiliti, għandhom japplikaw il-kriterji ta' purità ġeneralment aċċettati rrakkomandati minn korpi internazzjonali.

1. Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2023.
2. Dawn ir-regolamenti jħassru r-Regolamenti tal-Aġenzija Żvediża tal-Ikel (LIVSFS 2003:9) dwar is-supplimenti tal-ikel.

ANNICA SOHLSTRÖM

Elin Häggqvist

(Affarijiet Legali)